**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Awwissu 2022**

Rikors Numru: 8/22 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 1894/2008)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet izzewġu nhar it-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u dan skont iċ-ċertifikat taz-zwieġ hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A"
2. Illi l-partijiet ilhom separati sa tnjen u ghoxrin (22) ta' Awissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bhala "Dokument B" fl-atti tan-Nutar Elisa Falzon.

3. Illi ma hemm l-ebda  prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin;

4. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta’ manteniment dovuti.

5. Illi kollox konfermat fl-affidavit anness “Dokument C”

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar it-tmintax (18) ta’ Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019);
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għall daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat l-affidavits bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta’ Frar 2022;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha fis-sens illi r-rikorrenti jħallas manteniment izda mhux l-ammont kollu kif hu dovut ai termini tal-kuntratt tas-separazzjoni ffirmat u ppublikat bejn iz-zewg partijiet fit-22 ta’ Awwissu 2019.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti naqas milli jipprova rekwizit essenzjali biex jintlaqgħu t-talbiet illi għamel permezz tar-rikors tiegħu u ċioe` illi m’hemmx pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment u dan peress illi f’dan il-każ irriżulta mix-xhieda tal-intimata illi hemm pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment dovut;

Ghaldaqstant il-Qorti tiċħad it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.